**TARXIEN**

**KUNSILL LOKALI TARXIEN**

**Minuti Laqgħa Nru. 21/06**

* **Il- laqgħa Nru 21/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar it-Tnejn 23 t'Awwissu 2010 fis-5.45pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.** Data u hin

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is- Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |

**Is-Sur I. Dalli kien skużat**

*** **Is-Sindku, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 1.0 *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 20/06 (27/07/2010)*

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 20/06 tas-27 ta' Lulju 2010 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 *Kommunikazzjoni mis-Sindku*

**2.1** Dwar id-***"Default Notice"*** li ntbgħatet lill-ELC, is-Sindku qal li kellna laqgħa mar-rappreżentanti tal-ELC fejn iddiskutejna sistemi biex jiġi mtejjeb is-servizz. ELC
Din id-***"Default Notice"*** issa ġiet imwaqqa'.

2.1.1 Kompla jgħid li l-ELC qed jiżbru l-Oleander li jinsab fuq is-***central strip*** ta' Triq San Anard.

**2.2** Dwar it-Tieni parti tal-Proġett ta' Sqaq Brittaniku li hu pavimentar tal-bankina, s-Sindku informa lill-Kunsill li qed nistennew l-approvazzjoni tad-DNO mill-MEPA. Sqaq Brittaniku

**2.3** L-apparat ta' deterrent biex jiġi nstallat fi Ġnien Ovindoli, issa wasal. Tlabna ukoll biex jintbgħat ir-***remote control*** biex ikun jista' jiġi attivat u li tiswa €185.85. Apparat

2.3.1 Is-Sindku qal li qed ikollna problema li l-***bins*** ta' Ġnien Ovindoli qed jimtlew malajr peress li huma żgħar. (Dan ġie diskuss ukoll waqt il-laqgħa mal-ELC). Ġnien Ovindoli

2.3.2 Qal ukoll li jidher li hemm xi ħsara fil-pompa li tissuplixxi l-ilma ta' irrigazzjoni tal-Ġnien u għaldaqstant tlabna lill-ELC biex jieħdu ħsieb isaqqu sakemm insolvu din il-problema.

**2.4** Is-Sindku qal li tqassim tal-boroż jew avviżi, minn GreenPak issa tlesta'. Is-Sinjura C. Lanzon akkompanjat lill-GreenPak fit-tqassim. GreenPak

2.4.1 Għall-mistoqsija tas-Sindku, Is-Sinj. C. Lanzon, qalet li r-reazzjoni tar-residenti kienet waħda mħallta; min apprezza u rringrazzja u min ma qal xejn

**2.5** Is-Sindku qara petizzjoni dwar ir-rampa quddiem ir-Rainbows li "minħabba fiha ser issir bankina taħtha li ser tħassar l-ispazju ta' parkeġġ" Rampa

2.5.1 Is-Sindku qal li din il-problema issa ġiet solvuta (Art. 3.10.3 tal-minuti)

2.5.2 Qed jiġi propost ukoll fil-petizzjoni li jsir parkeġġ riservat għal-residenti tal-Blokk. *Residential Parking*

2.5.2.1 Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien diġa' iddeċieda li dan it-tip ta' parkeġġ ***'Residental Parking'*** ma jsir imkien fir-raħal.

**2.6** Is-Sindku qal li ntbgħatu lid-Dipartiment iż-żewġt prijoritajiet fil-lista tat-toroq fl-iskema PPP. PPP

**2.7** Dwar l-iskema għal restawr tal-arma fuq l-iskola tal-***Kindergarten*** ta' Triq l-iskola li ma ġietx aċċettata, il-Viċi Sindku irrakkomanda li nitlolbu lill-MEPA għal dan ir-restawr u nikkupjaw lid-Direttur MRRA. Restawr tal-Arma

**2.8** Dwar it-talba ta' impjegata għal ***'Reduced Hours'***, is-Sur L. Bonavia talab biex nistaqsu lid-DGL jekk l-impjegati tal-Kunsill jaqgħux taħt il-PSML, filwaqt li kompla jgħid li hija diskrezzjoni tal-Kunsill jekk japprovax din it-talba. *Reduced Hours*

2.8.1 Jirrakkomanda li nitkellmu mal-impjegata u nfasslu ħinijiet u kundizzjonijiet għal min jaħdem bir-***'reduced hours'*.**

**2.9** Is-Sindku qal li nbidlet id-data ta' meta ser issir l-attivita "Bejn Żewġ Kappelli" li nbidlet ukoll għal "Epoka Lejla ta' Festi Maltin u Għawdxin" li ser issir bejn is-17 u 19 ta' Settembru li ġej. Attivita'

2.9.1 Kompla jgħid li għandu laqgħa ma' l-Onor. Chris Said biex jitolbu jipprova jgħin f'din l-attivita'.

2.9.2 Is-Sindku żied jgħid li ċemplulu minn tad-Dutrina u staqsew jekk il-Kunsill isibx oġezzjoni biex itellgħu dak inhar lejla ta' Għana fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokjali.

2.9.2.1 Il-Kunsill joġġezzjona għal-raġunijiet ovvji.

**2.10** Is-Sindku qal li wieġeb għall-ittra tad-Dipartiment dwar iż-żamma tal-garanzija bankarja lill-ex Kuntrattur tal-ġonna. Din l-ittra,flimkien mal-ittra tas-Segretarju Eżekuttiv b'risposta għaliha, ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri kollha. Każ: Żamma tal-Garanzija Bankarja

2.10.1 Is-Sindku kompla jgħid li ma rċieva ebda reazjoni mill-Kunsillieri. Għaldaqstant qed jitlob il-kummenti f'dan il-waqt.

2.10.2 Is-Sur L. Bonavia beda biex qal li jibqa' jsostni l-mozzjoni skont ir-rimarki li għamel f'Art. 3.19.3 tal-laqgħa Nru. 20/06 filwaqt li żied jgħid li kien l-ewwel wieħed li vvota li l-Kunsill ma jħallasx għal xogħol li ma sarx.

2.10.2.1 Is-Sur L. Bonavia qal li llum, fid-dawl ta' kif żvilluppaw l-affarijiet qed iressaq din il-mozzoni ta' rexindament (revoka): Mozzjoni ta Rexindament

"Qiegħed jirrevoka l-mozzjoni mressqa fil-laqgħa straordinarja Nru 16/06, Art. 1,6.13, fid-dawl ta' informazzjoni ġdida li għandu l-Kunsill; dan sabiex il-Kunsill ikun liberu li jiddiskuti t-talba tad-Dipartiment."

2.10.2.2 Il-Viċi Sindku F. Agius, irrimarka li għandu ċertu riservi fuq il-prinċipji li meta Kunsill jieħu deċizzjoni, xi ħadd, inkluż id-Dipartiment, jgħid li hu żbaljat. Din tiftiehem li xi ħadd jista' jwaqqa' deċizzjoni li tkun ittieħdet mill-Kunsill. Rimarki mill-Viċi Sindku

2.10.2.3 Is-Sinj C. Falzon qalet li diġa' kien hemm deċizzjoni mill-Kunsill u dan il-każ issa twal.

2.10.2.4 Kemm is-Sur K. Darmanin u kemm is-Sinj D. Vella qablu ma' dak li ntqal mill-Viċi Sindku.

2.10.2.5 Is-Sur L. Bonavia talab għall-kummenti tas-Sindku

2.10.2.6 Is-Sindku qal li d-Dipartiment qagħad fuq il-korrispondenza biss. Is-Sindku jippretendi li biex jinvestiga id-Dipartiment għandu jibgħat għall-membri tal-Kunsill.

2.10.3 Ma kienx hemm sekondant għall-mozzjoni mressqa mis-Sur L.Bonavia. il-Mozzjoni m'għaddietx.

**2.11** Is-Segretarju Eżek. Informa lill-Kunsill li għalkemm intbgħatu lid-Dipartiment dawn ir-rapporti:

Rapport Amministrattiv 2009;
Rapport Finanzjarju ta' kull kwart (Jan – Marzu 2010); u
Rapport Finanzjarju ta kull kwart (Apr – Ġunju 2010)

id-Dipartiment għad ma bgħatx *'Aknowledgement'.*

**2.12** Is-Sindku informa lill-Kunsill li ntbgħatet ittra lis-sid il-ħanut "Espadon" minħaba li qed joħroġ l-iskart tal-ħanut quddiem garaxijiet u mad-dawra ta' Ġnien Joanne. Għamilna ukoll rapport lill-Pulizija biex jieħdu passi. Skart minn "Espadon"

2.12.1 Is-Sindku fakkar li l-kunratt ta' ġbir tal-iskart domestiku ma jinkludiex l-iskart kummerċjali u dan qed joħolqilna problemi minħabba li l-Kuntrattur mhux jiġbru.

2.12.2 Innota wkoll li minn informazzjoni li waslitilna tal-ħwienet għandhom stipulati fil-permessi tagħhom kif għandhom jiddisponu mill-iskart.

**2.13** Is-Sinjura D. Vella qalet li każ simili ieħor hu dak tar-Rainbows li qed iħallu skart kummerċjali jakkumula fit-triq. Ser tinkiteb ittra f'dan ir-rigward. Skart mir-'Rainbows'

**2.14** Is-Sindku qal li ġew ippreżentati żewġ kotba għal-librerija minn Anton Sammut. Ser jidher avviż bi promozzjoni għal dawn il-kotba fil-fuljett. Kotba għal-Librerija

**2.15** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-librara qed tissuġġerrixxi li l-librerija tinfetaħ nhar t'Erbgħa bejn it-3.00pm u 7.00pm minflok sagħtejn filgħodu u sagħtejn fil-għaxija. Dan minħabba li fil-għodu kważi ħadd ma jattendi. Il-V/S F. Agius ikkonferma dan. Il-Kunsill qabel li jinbidel il-ħin kif irrakkomandat. Bdil tal-ħinijiet tal-Librerija

**2.16** Is-Sindku qal li m-MEPA infurmawna li **Appl. PA 01495/10** dwar il-proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien Sta. Marija mhux ser tkun proċessata kif ippjanat minħabba li l-***'Hertitage Planning Unit'*** u l-***'Cultural Heritage Advisory Comnittee'*** qed joġġezzjonaw bil-qawwa li jsir ġibjun għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita minħabba l-viċinanzi tat-Tempji; CHAC qed jitolbu kjarifika dwar il-***'Megalith Stones'***, u NCPD mhux qed japprovaw il-pjanta eżistenti. Proġett Ġnien Sta. Marija

2.16.1 Għaldaqstant ser tintalab laqgħa mal-Perit D.Falzon dwar dan

**2.17** Is-Sindku qara ittra mibgħuta mill-Kulleġġ San Benedittu sabiex il-Kunsill jisponsorja l-istudenti (mingħajr ħlas) għal ***Job Exposure Week***, taħt ċertu kundizzjonijiet. *Job Exposure Week*

2.17.1 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u kkonkluda li fl-ispazzju limitat li għandna mhux possibbli li naċċettaw studenti.

**2.18** Is-Sindku irrefera għal memo 109/2010 dwar użu tal-***mobile phones*** filwaqt li qal li din il-memo mhix ċara u hi ġenerika. *Mobile Phone*

2.18.1 Kompla jgħid li dwar dan is-Seg. Eżek. staqsa lid-Dipartiment jekk din id-direttiva tapplikax ukoll għas-Seg. Eżek. It-Tweġiba tad-dipartiment hi li din il-memo *"Tapplika għall-**mobile phones** kollha, anke tas- Seg. Eżek."*

2.18.2 Minħabba f'hekk, is-Sindku qal li mhux ser ikun possibli li l-Kunsill ikollu kuntatt mas-Seg. Eżek. b'din il-faċilita' għaliex is-Seg. Eżek. irrinunzja li jkollu ***mobile phone*** f'isem il-Kunsill Lokali.

2.18.3 Is-Seg. Eżek. radd lura l-***mobile set*** inkluż is-***Sim card*** li kien għad fiha xi 'credits' filwaqt li esprima d-dispjaċir tiegħu li ma jistax jibqa' jagħti s-servizz f'dan ir-rigward.

2.18.4 Is-Sindku irrimarka li jekk iddoqq l-***alarm*** li hi komunikata fuq il-***mobile*** mhux ser iwieġeb għaliha, bħalma daqqet diversi drabi.

**2.19** Is-Sindku qal li għandna problema iżjed gravi minn din li hi dwar it-terminazzjoni tal-Kuntratt Definit tas-Seg. Eżek. li jiskadi fl-aħħar t'Ottubru li ġej skont ir-riforma fil-Kunsilli Lokali. Skadenza tal-kuntratt definit tas-Seg. Eże.

2.19.1 Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u nnota li għalkemm saru diversi korrispondenza mad-Dipartiment. dwar dan il-każ, id-Dipartiment għad ma ħa ebda deċizzjoni.

2.19.2 Sadanittant is-Seg. Eżek. preżenti għadu qed jagħti s-servizz tiegħu, għalkemm għad baqa xahrejn biss mill-iskadenza tal-kuntratt.

2.19.3 Is-Seg. Eżek. qal li skont il-PSMC hu għandu d-dritt għal 3 xhur ***pre-retirement leave*** b'żieda mal-***leave*** li għad baqgħalu jieħu din is-sena u żgur dan mhux ser ikun possibli li jiġi utilizzat f'dawn ix-xagħrejn.

2.19.4 La l-Kunsill u lanqas is-Seg. Eżek. ma jafu x'inhi l-pożizzjoni tagħhom f'dawn iċ-ċirkostanzi.

2.19.5 Għaldaqstant il-Kunsill qed jitlob b'urġenza lid-Dipartiment bid-deċizzjoni finali tiegħu f'dan ir-rigward. Kif ukoll li jintbgħat Aġent Segretarju u fl-istess interval id-Dipartiment joħroġ sejħa għall-Segretarju Eżekuttiv permanenti.

**2.20** Is-Sindku ippropona biex nipproġettaw b'kisi bħal Sqaq Brittaniku l-parti d-dejqa ta' Triq Birbixkilla mill-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokjali. Proġett Triq Birbixkilla

2.20.1 Qal li kkalkulajna li din tiġi tiswa madwar €25,000 bħala kostruzzjoni u dawn l-ispejjeż jistgħu jiġu utilizzati mill-bilanċ li baqa' mill-Budget għat-toroq (DGL) li jridu jintużaw bilfors għat-toroq (Ring-Fenced). Sal-10.08.10 kien għad baqa' bilanċ ta' madwar €49, 000.

2.20.2 Is-Sindku żied jgħid li wara li jsir dan il-proġett nitolbu biex din il-parti ssir pedonali biss filwaqt li l-parti l-oħra ssir bit-*tarmac* mill-fondi PPP.

2.20.3 Is-Sindku qal ukoll li mhu ser jitmiss xejn minn dak ezistenti fit-triq ħlief xogħol biex jitpoġġa l-pavimentar.

2.20.4 Dan ix-xogħol ser ikun responsabbli minnu l-Perit il-ġdid, Chris Mintoff.

2.20.5 Il-kunsill qabel nem. con. li jsir dan il-proġett.

## 3.0 *Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti li tammonta għal €85366.41 (App. 1) bil-kundizzjoni li dawk li huma immarkati ma jitħallsux qabel ma jipprovdu l-irċevuti fiskali tal-pagamenti preċedenti.

3.1.1 Is-Seg. Eżek. Informa lill-Kunsill li kiteb 30 ittra lil min issupplixxa xi materjal jew servizz lill-Kunsill u tħallas tiegħu imma ma bgħatx l-irċevuti fiskali. Minn dawn 13 minnhom għad ma kkonformawx. Ittri lill-Fornituri

3.1.2 Kompla jgħid li din l-azzjoni ttieħdet wara li l-awdituri ordnaw li min ma jipprovdix l-irċevuti fiskali għandhom jinżammulu l-pagamenti dovuti u min ma jikkonformax mar-regolamenti tal-VAT għandu jiġi ***"blacklisted"***

3.1.3 Għall-mistoqsija tal- Viċi Sindku u Seg. Eżek. Wieġeb li l-pagamenti approvati fil-laqgħa preċedenti tħallsu kollha minbarra dawk miżmuma mill-Kunsill.

**3.2** Wara li kkunsidra li dak mitlub ġie sottomess mill-Perit D. Falzon, is-Sindku irrakkomanda u l-Kunsill approva nem con. li dawk il-pagamenti li kienu ġew miżmuma għandhom jitħallsu lill Perit Dieter Falzon. Ħlas lill-Perit D. Falzon

**3.3** Il-Kunsill approva nem. con. rifużjoni ta' ħlas lis-Seg. Eżek. Minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill l-ammont ta' €22 għal-Lulju u Awwissu. Rifuzjoni lis-Seg. Eżek.

**3.4** Is-Sindku qal li rċevejna l-ammont ta' €5000 mingħand il-Kumitat Konġunt LES bħala ħlas dovut mill-*pooling* Ħlas mill-LES

**3.5** Is-Sindku informa lill-Kunsill li irċevejna pagament ta' €20371,12 bħala ħlas mill-fondi UIF għall-proġett Kalamija (Ġnien Ovindoli). Ħlas mill-MEPA

3.5.1 Kompla jgħid li Seg. Eżek. Kiteb lill-MEPA li skont il-kuntratt iffirmat bejn iż-żewġ partijiet l-ammont kellu jkun €23759.60 jiġifieri rċevejna €7388.46 inqas.

3.5.2 Il-MEPA infurmawna li qed jiċċekjaw mal-'***Finance Unit'***

**3.6** Il-Kunsill approva nem. con. li jsir il-ħlas dovut lill-M.Quip Co. Ltd. għall-ammont ta' €16885.68 għal xogħol li sar fil-proġett ta' Sqaq Brittaniku Nru.1. Dan wara li l-Perit D. Falzon iċċertifika dan il-kont. Ħlas lill-M.Quip Co.

3.6.1 Dawn l-ispejjeż ser ikunu ikkalkulati fill-***Budget (Ringfenced) tat-Toroq***

## 4.0 *Aġġudikar tal-offerti – "Stailess Steel Frames & Tempered Glass"*

**4.1** Is-Sindku qal li ġiet sottomessa offerta waħda għall-provista u twaħħil ta' ***"Stainless Steel Frames with 27mm Tempered Glass"*** mingħand M.Quip Co. Ltd. għall-valur ta' €12692 inkluż il-VAT, (App. 2)

**4.2** Il-Kunsill approva nem. con. din l-offerta.

## 5.0 *Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

***Is-Sur F. Agius – Viċi Sindku***

5.1.0 Il-Viċi Sindku is-Sur. F. Agius qal li għall-attivita' fid-Dar tal-Kejka kien hemm attendenza tajba

5.1.1 Qal ukoll li ipprepara għall-Ħarġa Kulturali għal Jum il-Vitorja.

5.1.2 Applikajna għall-korsijiet Ingliż u Malti Bażiku

5.1.3 Dwar il-Korsijiet tal-Bizzilla u Filigranu ser jitlob direzzjoni mid-Dipartiment.

***Is-Sinj. C. Lanzon***

5.2.0 Irreferit għal dak li rrapurtat f'Art. 2.4 iżjed 'l fuq

***Is-Sur L. Bonavia***

5.3.0 Qal li għandu stedina mingħand l-Ordni ta' San Lazzru biex niltaqgħu magħhom dwar il-bżonnijiet tal-anzjani.

***Is-Sur K. Darmanin***

5.4.0 Qall li qassam iżjed ittri għal-laqgħat dwar in-***Neighbourhood Watch***; filwaqt li kompla jgħid li ntgħażel il-Kordinatru għal Żona 3

5.4.1 Qal ukoll li fis-6 ta' Settembru ser issir laqgħa għal Zona 4 naħat tal-Barrani; fis-27 ta' Settembru għal Żona 5 naħat ta' San Anard; u fit-28 ta' Settembru għal żona 6, naħat ta' Triq Żejtun. Dawn ser isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

5.4.2 Ġie deċiz li l-Logo tan-***Neighbourhood Watch*** ikun gardjola fuq sfond il-logo tal-Kunsill

5.4.3 Is-Sur Keith Darmanin qal li ġie nnominat Dillon Mercieca (li rebaħ il-Premju Żagħżugħ Tarxiniż) għall-'Premju Żagħżugħ tas-Sena' li ser isir fl-20 ta' Novembru 2010

5.4.4 Qal ukoll li ser issir żjara miż-żgħażagħ lill-President ta' Malta.

***Is- Sinj. D. Vella***

5.5.0 Qalet li għas-sajf waqfet l-attivitajiet tas-Sotto Kumitat tagħha

5.5.1 Qalet li talbet lill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex ikellem lir-residenti ta' Triq Sant Antnin dwar 'Parking Bays' fit-triq tagħhom

***Is-Sindku Kav. P. Farrugia***

5.6.0 Is-Sindku ta rendikont tal-attivita' ta' l-Anzjani

5.6.1 Qal li ser issir attivita' oħra għada fis-sala tar-Rainbows.

## 6.0 *Ħwejjeġ oħra*

6.1 Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel nem. con. li jsiru tabelli u stickers b'avviżi biex wieħed inaddaf wara l-kelb tiegħu.

## 7.0 *Għeluq tal-Laqgħa*

**7.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

**7.2** Laqgħa oħra ser tkun nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2010

| | |
|---|---|
| **M. L. Mallia** | **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** |
| **Seg. Eżek.** | **Sindku** |
| 16/09/10 | |